

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/993****tat-22 ta' Mejju 2023****li tnedi l-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/855 tal-24 ta' April 2023 dwar Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' April 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/855.
- (2) Fis-16 ta' Mejju 2023, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li l-Pjan Operazzjonali (OPLAN), għal EUPM Moldova jenħtieġ li jiġi approvat.
- (3) Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili ta' EUPM Moldova, il-Missjoni jenħtieġ li titnieda fit-22 ta' Mejju 2023.
- (4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/855 ipprovdiet ammont ta' referenza finanzjarja biex ikopri n-nefqa relatata ma' EUPM Moldova matul l-ewwel erba' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dik id-Deċiżjoni. L-ammont ta' referenza jenħtieġ li jiġi rivedut biex ikopri t-tul tal-Missjoni, jiġifieri sal-21 ta' Mejju 2025. Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/855 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (5) EUPM Moldova ser titwettaq fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-OPLAN għal EUPM Moldova huwa b'dan approvat.

*Artikolu 2*

EUPM Moldova għandha titnieda fit-22 ta' Mejju 2023.

*Artikolu 3*

Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili ta' EUPM Moldova huwa b'dan awtorizzat b'effett immedjat biex jagħti bidu għall-eżekuzzjoni tal-Missjoni.

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 110, 25.4.2023, p. 30.

*Artikolu 4*

L-Artikolu 13(1) tad-Deċiżjoni (PEŠK) 2023/855 huwa b'dan sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata ma' EUPM Moldova għall-perjodu mill-24 ta' April 2023 sal-21 ta' Mejju 2025 għandu jkun ta' EUR 13 356 508,08. L-ammont ta' referenza finanzjarja għal kull perjodu sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.”.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---